# Il-Bżonnijiet ta' San Ġiljan Sittin Sena ilu

***Filwaqt li kont qed inqalleb fl-Arkivju Nazzjonali r-Rabat ltqajt ma' dokument li jagħtina tagħrif dwar il-bżonnijiet ta' San Ġiljan f'Novembru 1944, sittin sena ilu. Dan id-dokument huwa l-minuti tal-Kumitat Distrettwali ta' San Ġiljan, ta' l-20 ta' Novembru 1944. Dawn il-minuti ntbagħtu lill-uffiċċju tal-logotenent Gvernatur, u minn għandu rċevew risposta, għal kull suġġeriment li sar.***

KITBA TA'
WINSTON L. ZAMMIT B.A. (Hons), M.A., PGCE

Fl-1939, ftit wara li bdiet il-gwerra mal-Ġermanja, f'Malta u Għawdex twaqqfu numru ta' Kumitati Distrettwali, komposti minn voluntieri, li kellhom jippreparaw għal kull eventwalità f'każ li l-gwerra tolqot lill-Gżejjer Maltin.[1] B'kollox f'Malta twaqqfu 39 kumitat, u f'Għawdex 5. Fost dawn il-Kumitati Distrettwali kien hemm dak ta' San Ġiljan li kien magħmul minn dawn il-persuni:

**Il-W. R. Dun Amabile Bonanno, Kappillan,**
**Ir-Rev. Patri Bernard Farrugia O. Carm.,**
**Il-Wisq Nobbli Violet Scicluna, Barunessa ta' Bria,**
**Dr Gaetano Borg Olivier LLD.,**
**Mrs J. Cassar Torreggiani, Segretarja.**[2]

S'issa għadni ma sibt l-ebda tagħrif dwar il-ħidma ta' dan il-kumitat u huwa wisq probabbli li dan il-kumitat sfaxxa, wara li bdew neżlin il-bombi f'Ġunju 1940.

Nafu iżda biċ-ċar li dan il-Kumitat Distrettwali reġa' beda jiffunzjona fl-20 ta' Novembru 1944. Il-membri ta' dan il-Kumitat Distrettwali kienu:

**Il-W. R. Dun Anton Debono, Chairman,**
**Is-Sur Alex borg Cardona, Protection Officer,**
**Ir-Rev. Patri Bernard Farrugia O. Carm.,**
**Is-Sur A. Cassar Torreggiani, OBE,**
**Is-Sur Leone Cefai,**
**Is-Sur J. Cassar Torregiani, Segretarju.**[3]

Fil-laqgħa li saret fl-20 ta' Novembru 1944[4], il-Kumitat Distrettwali ffoka fuq il-bżonnijiet attwali ta' San Ġiljan li kienu; il-bżonn ta' skola primarja adegwata, play-*ground* għat-tfal, D.M.O. residenti f'San Ġiljan, u li jerġħu jinxtegħlu t-toroq kollha. Naraw x'qalu fuq kull punt:

*"<u>SCHOOLS:</u> The chairman laid stress re: lack of space for the Elementary Schooling of the younger generation. It has been agreed that the Government be kindly requested to provide such facilities with ampler accomodation."*[5]

Tajjeb li hawnhekk nagħtu daqsxejn il-*background* storiku. Fl-1861 il-Gvern kien fetaħ skola primarja, għat-tfal ta' Tas-Sliema u San Ġiljan, f'mezzanin ħdejn il-knisja tal-karmnu fil-bajja tal-Balluta. Iżda fl-1871 din l-iskola ġiet trasferita f'tas-Sliema. Għaldaqstant biex jattendu l-iskola t-tfal Ġiljaniżi kellhom imorru tas-Sliema.[6]

Biex jipprova jsolvi din il-problema, fl-1933 il-Gvern Malti għamel talba lill-Militar biex jibda juża il-"Palazzo di Giorni."[7] Iżda ma jidhirx li din it-talba ntlaqgħet, tant li meta l-Gvernatur Sir Charles Bonham Carter, għamel żjara f'San Ġiljan f'Lulju 1936, il-Kappillan Dun Amabile Bonanno semma l-fatt li għalkemm San Ġiljan kellu popolazzjoni ta' 3000 ruħ, kien għadu mingħjar skola primarja u 400 tifel u tifla Ġiljaniżi kellhom jattendu fl-iskola primarja ta' tas-Sliema.[8]


*Il-Kappillan Dun Anton Debono*

Jidher li din it-talba ma waqgħetx fuq widnejn torox, għax insibu li sa Ottubru 1936, kienet infetħet skola, fil-post nru. 13, Triq San Elija.[9] Iżda jidher li l-bini ma kienx kbir biżżejjed biex jilqa' l-istudenti kollha, u għalhekk f'Novembru 1944, il-Kumitat Distrettwali għamel it-talba msemmija. Din it-talba ntbagħtet lill-Aġent Direttur ta' l-Edukazzjoni






*Id-dar fejn jingħad li kienet l-ewwel skola f'San Ġiljan, li kienet iġġib in-numru 13.*

is-Sur J. Brennan; li permezz t'ittra bid-data tat-18 ta' Diċembru 1944, nforma lis-Segretarju tal-Gvern, li fl-24 ta' Novembru 1944, id-Dipartiment kien talab l-awtorità meħtieġa *"to requisition additional premises in St. Julian's to provide for the better accomodation of the school children of that village."*[10]

<u>It-Talba għall-*playground*</u>: Fl-istess seduta l-Kumitat Distrettwali għamel talba għall-*playground*. Fil-fatt stqarr li *"The Committee is very anxious that the future generation be provided with a playground where children can have some recreation after school time instead of being left to play in the streets where motor traffic is very dangerous."*

Din it-talba bħal ta' qabilha ntbagħtet lill-Aġent Direttur ta' l-Edukazzjoni għall-kummenti tiegħu, li fit-18 ta' Diċembru 1944 irrisponda hekk:
*"The question of playing fields for all school children in Malta and Gozo is under active consideration."*[11]

<u>It-Talba għal D.M.O. Residenti</u>: Fl-istess laqgħa l-Kumitat Distrettwali, tkellem dwar il-bżonn ta' D.M.O. residenti f'San Ġiljan:

*"As the permanent population of St. Julian's is now 4,761, it has become an urgent need to have a resident D.M.O. appointed."*[12]

Għaliex saret din it-talba? Immorru ftit lura fl-istorja? Fl-1852, il-Gvern Kolonjali kien ħatar tabib 'Medico di Polizia' għal Tas-Sliema u San Ġiljan li kien residenti San Ġiljan iżda mill-1871 dan it-tabib beda jkun f'Tas-Sliema.[13] Iżda billi sa l-1932 kienet żdiedet sewwa l-popolazzjoni ta' tas-Sliema, San Ġiljan u l-Gżira, il-Gvern iddeċieda li jaqsam id-distrett fi tnejn, u ħatar tabib għal kull sezzjoni. San Ġiljan kien jifforma parti minn sezzjoni, iżda ma jidhirx li t-tabib maħtur għal din is-sezzjoni kien residenti f'San Ġiljan. Kien dan li wassal lill-Kumitat biex jagħmel it-talba tiegħu.[14]

It-talba tal-Kumitat Ġiljaniż ġiet riferuta liċ-Chief Government Medical Officer (CGMO), il-Prof. A. Bernard li fil-15 ta' Diċembru 1944, irrisponda hekk: *"Your letter minute no. 6935/1944 of the 12th instant relative to the need of a resident District Medical Officer at St. Julian's has been referred to the Committee appointed to inquire into the number and distribution of District Medical Officers."*[15]

<u>Id-Dawl Elettriku fit-Toroq</u>: Hawnhekk tajjeb li ngħidu, li sa Marzu 1926, kienet diġà saret l-estensjoni tal-provvista ta' l-elettriku biex tintuża' fid-djar f'parti minn San Ġiljan.[16] Fis-snin ta' wara kompla sar xogħol fuq il-provvista ta' l-elettriku f'San Ġiljan.[17] Jidher li sal-bidu tal-gwerra aktarx li d-dawl elettriku kien ġie estiż sal-parti l-kbira ta' San Ġiljan. Iżda mal-gwerra ġie l-*blackout* u t-toroq sfaw fid-dlam. Għalhekk il-Kumitat, f'Novembru 1944 stqarr li *"It is the general opinion that streets in St. Julian's be lighted at an early date."*

Bħal ta' qabel din it-talba ġiet riferuta lid-Dipartiment konċernat f'dan il-każ il-*Water, Electricity and Telephone Department*. Fis-16 ta' Diċembru 1944, il-*manager* ta' dan id-Dipartiment rrisponda li *"It is not possible under existing conditions to light any localities in Rabat and St Julian's besides those included in the schedule submitted by me in LG 4612/44."*

Iżda fir-risposta li l-Gvern bagħat lill-Kumitat Distrettwali fit-30 ta' Diċembru 1944, il-Kumitat ġie nfurmat li:*"Main streets have since been lighted. Lighting of other localities is not possible under existing conditions."* Ir-risposta tal-kapijiet konċernati, twasslu lill-Kumitat Ġiljaniż permezz t'ittra mill-uffiċċju tal-logotenent Gvernatur bid-data tat-30 ta' Diċembru 1944.[18]